**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' April 2022**

**Rikors nru: 86/2008 AGV**

**LB u martu MB sija ghan-nom taghhom kif ukoll ghan-nom ta' binhom minuri J u AB oht id-decujus fil-kwalita' taghhom bhala eredi legittimi tal-mejjet *GB***

**Vs**

1. **AMCR xebba.**

**2. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**3. Dr. Renzo Porsella Flores u PL Hilda Ellul Mercer li b' digriet tal-1 ta' April 2008 gew appuntati Kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri 'AD' li gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru progressiv 2233/2007, u b' digriet tat-2 ta' Dicembru 2008, il-kuraturi deputati gew estromessi mill-kawza u giet nominata AMA bhala kuratrici *ad litem* sabiex tirrapprezenta lil minuri AD.**

**U b' digriet tat- 3 ta' April 2013, gie kjamat in kawza, CCR .**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors guramentat ta’ L u M konjugi B sija ghan-nom taghhom kif ukoll ghan-nom ta’ binhom minuri J u AB oht id-decujus fil-kwalita’ taghhom bhala eredi legittimi tal-mejjet G B , datat 3 ta’ Marzu 2008 fejn esponew bir-rispett u L u M konjugi B kkonfermaw bil-gurament taghhom:-

Illi r-rikorrenti huma, fil-kaz ta' *L u M konjugi B* l-genituri tal-mejjet *GB* imma fil-kaz ta' *A* u *J* dawn jigu hut l-istess GB li kien **miet tragikament** fl-24 ta' Gunju, 2007 u dan skond l-Att tal-Mewt bin-numru tal-iskrizzjoni 1741/2007: **Dok.'A'**;

Illi l-istess GB **qabel ma miet**, kellu relazzjonijiet intimi mal-intimata A-M A, li tigi omm il-minuri li twieled fid-19 ta' Lulju, 2007 u dan skond l-Att tat-Twelid bin-numru tal-iskrizzjoni 2233/2007: **Dok.'B'**;

Illi l-istess GB miet qabel it-twelid tal-minuri ‘AD’ u b’hekk ma lahaqx irrikonoxxa l-istess minuri fuq l-att tat-twelid bhala l-missier naturali u ghalhekk, taht il-kolonna/i li tindika id-dettalji tal-missier tat-tarbija fuq l-att tat-twelid hemm indikat *missier mhux maghruf*.

Illi din is-sitwazzjoni hija ta’ pregudizzju sija ghar-rikorrenti li ghandhom l-interess legittimu bhala l-werrieta kif ukoll ghan-nom tad-decujus li l-minuri jigi dikjarat bhala iben missier maghruf;

Illi ghalkemm l-intimata giet, kemm il-darba interpellata diversi drabi biex tirregolarizza s-sitwazzjoni, l-konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-minuri *'AD'* li fil-present ghandu l-kunjom A, huwa l-wild naturali tad-decujus *GB* li kien miet tragikament qabel ma' twieled il-minuri bl-isem *'AD'* u dan anke permezz ta' **periti nominandi** jew **testijiet forensici u xjentifici** li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun fic-cirkostanzi tal-kaz;

2. Tordna li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri *'AD'* u b'hekk isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri billi fejn hemm miktub li l-missier tal-minuri *'m'hux maghruf'* jigu mnizzlin is-segwenti dettalji li huma: GB imwieled il-Pieta' ta' 22, Ghaxqet l-Ghajn, Marsascala, bin LB li ghadu haj fil-kolonni rispettivi ta' l-Att tat-twelid bin-numru tal-iskrizzjoni 2233/2007 kif ukoll kull korrezzjoni ohra necessarja li jidhrilha dina l-Onorabbli Qorti sabiex is-sitwazzjoni legali tal-minuri tigi regolarizzata.

Bl-ispejjes kontra l-istess konvenuta AMA li hi ngunta ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta guramentata ta' AMA datata 29 ta' Lulju, 2008 fejn esponiet bir-rispett taghha kkonfermat li:-**

Illi t-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi preliminarjament l-esponenti teccepixxi l-irritwalita' tal-kawza odjerna stante li ma jirrizulta ebda dritt fil-Ligi Maltija spettanti lil eredi ta' persuna li

tawtorizzahom jittentaw din il-kawza ghall-filazzjoni t'ulied li twieldu barra z-zwieg. Din l-azzjoni tirrapprezenta dritt personali spettanti lil missier jew lil omm ta' wild li jkun twieled barra z-zwieg u ma tistax tigi dedotta mill-eredi tal-missier jew tal-omm kif qed jittentaw l-atturi fil-kawza.

Illi ghalhekk ghandhom fl-ewwel lok jiddikjaraw fuq liema bazi legali qed jipprocedu b' din l-istanza.
Illi stante s-suespost it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez in limine. Illi ghal istess raguni ma ghandhomx isiru ebda testijiet fuq it-tarbija A A. Illi subordinatament u assolutament minghajr pregudizzju t-talbiet odjerni, mhux fl-ahjar interess tal-minuri, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Illi ghar-ragunijiet premessi kif ukoll ghal ragunijiet li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni l-esponenti, titlob li t-talbiet dedotti permezz tar-rikors guramentat odjern ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

B' riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-atturi ngunti minn issa stess in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku** datata 4 ta' Awwissu, 2008, fejn espona bir-rispett u bil-gurament tieghu kkonferma s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament fil-mertu, l-esponenti mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors gurmentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinament u minghajr predugizzju, ghas-suespost jehtieg li jekk it-talbiet kif dedotti fir-rikors jintlaqghu, il-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

3. Illi ghandha ssir debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid, mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat, li ghaldaqstant ma ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti.

5. Salv eccezzonijiet ohra.

Tant ghandu x' jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

**Il-Qorti rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati Dr Renzo Porsella Flores et noe , intimati m' ohrajn fejn ecepixxa bil-qima ;**

1. Illi jider li l-kawza ma tregix u t-talbiet ma jistghux jitlaqghu billi fl-ewwel lok il-kawza qed issir skont l-artikolu 86 tal-kodici Civili ma jidhirx li l-atturi, mxew kif kellu jkun mal-procedura hemm mahsuba ;
2. Illi fit-tieni lok, jekk l-atturi jqisu dil-kawza bhala wahda ta' ricerka ta' paternita' , kawza bhal din tmiss biss lil wild innfisu li mhux biss mhux attur izda sahansitra tharrek bhala konvenut, u dan anka kif maqtugh minn dil-Qorti, kif preseduta fil-kawza 'Thompson- Spiteri', li twettqet mil-Qorti tl-appell fil- 31 ta' Ottubru 2007.

**Il-Qorti ;**

**Rat in-nota tal-kjamat in kawza CCR** , li permezz taghha qed jaghti ruhu b' notifikat bl-atti tal-kawza odjerna, u b ' mod partikolari bid-digriet ta' dil-Onorabbli Qorti, tal- 10 ta' Lulju 2013 u li ai fini u effetti kollha tal-ligi, qed jaderixxi ruhu mar-risposta guramentata ta' martu AMC mar-risposta guramentata ulterjuri tal-istess martu, fl-atti tal-prezenti kawza.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza moghtija fis-26 ta' Novembru, 2009 fejn il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja cahdet l-eccezzjoni tal-konvenuta A (dwar nuqqas ta' legittimazzjoni attiv) u z-zewg eccezzjonijiet tal-kuraturi u ordnat illi jitkompla s-smigh.

Wara li kisbet permess ghal dak li jghid u jrid l-art.231(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-konvenuta A f'isimha u f'isem il-minuri b'rikors tad-9 ta' Dicembru, 2009 appellat minn din is-sentenza.

B'sentenza moghtija fil-25 ta' Gunju, 2010, din il-Qorti laqghet l-appell, hassret is-sentenza appellata, laqghet l-eccezzjonijiet u baghtet l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex din « tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza. »

B'rikors tas-27 ta' Settembru, 2010, l-atturi talbu illi dina l-qorti thassar is-sentenza taghha tal-25 ta' Gunju, 2010 u tisma' l-appell mill-gdid.

B'sentenza tal-24 ta' Gunju, 2011, is-sentenza attakkata thassret minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi u l-appell instema' mill-gdid.

B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2012 gie ddikjarat illi « l-interess tal-atturi li juru r-rabta tad-demm bejniethom u bejn AD huwa interess li jixraqlu harsien" u l-eccezzjoni li ma ghandhomx legittimazzjoni attiva biex imexxu b'din il-kawza giet michuda.

Fl-24 ta' Awissu, 2012 il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja tat digriet ta' adozzjoni fuq talba tal-konvenuta AMCR , u zewgha l-kjamat in kawza CC li permezz tieghu l-konjugi C adottaw lill-minuri AD.

**Rat ukoll ir-Risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuta** AMA datata 1 ta' Frar 2013;

1. Illi hija taghmel referenza pjena ghal dikjarazzoni tal-fatti kif mfissra minnha fir-risposta guramentata originali taghha;
2. Illi ma' dan tixtieq li zzid li l-minuri AD gie ricentament addottat permezz ta' digriet tal- 24 t' Awwissu 2012 biex b' hekk illum il-minuri huwa legalment iben l-esponenti u zewga CCR, , u l-isem u kunjom tal-minuri llum huwa ACR kif jirrizulta mil-anness Dokument AMA 2;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti ghandha s-segwenti eccezzjonijiet ultejuri xi tressaq kontra it-talbiet attrici, u dan minghajr pregudizzju ghall-eccezzonijiet lilha migjuba sa issa fir-risposta guramentata originali taghha:

1. Illi l-esponenti tecepixxi illi jirrizulta illi giet awtorizzata l-addozzjoni tal-minuri AD minn CCR, ir-ragel tal-esponenti , biex b' hekk il- gentituri

tal-istess minuri huma l-esponenti u zewgha, u dil-adozzjoni giet awtorizzata permezz ta' digriet tal-Qorti kompetenti tal- 24 ta' Awwissu 2012, liema fatt gie ukoll debitament registrat fir-registru Pubbliku kif jirrizulta mill-anness Dok AMA2 u ghalhekk il-mertu tal-kawza odjerna huwa llum ezawrit u konsegwentament dil-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici;

2. Illi in partikolari , qed jigi eccepit, li l-mertu tal-kawza odjern, u cjoe' l-bdil tal-kunjom il-minuri AD id-dikjarazzjoni ta' paternita' u tibdil tad-dettalji fuq certikat tat-twelid tiehu , illum jinsab ezawrit billi l-minuri diga' ghandu zewg genituri, u cjoe l-omm naturali tieghu u l-missier adottiv, u dna kollu jinsab rifless fid-dokumenti ufficcjali tar-registru Pubbliku, u l-minuri llum jgib il-kunjom tal-missier adottiv tieghu, u inoltre' l-imsemmi GB,, illum huwa mejjet u kwindi anka jekk ghal-grazzja tal-argument dan kellu jkun il-missier naturali xorta wahda galadarba lum il- wild gie adottat skont il-Ligi, ghandu kemm missier kif ukoll omm ikun inutili u superflwu u minghajr ebda utilita' li jitkomplew il-proceduri odjerni;
3. Illi minhabba l-istess adozzjoni, it-talbiet tal-atturi, ma jistghux jintlaqghu ghaliex legalment insostenibbli;
4. Illi inoltre l-missier adottiv huwa l-missier tal- minuri ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u kwindi jkun kontrosens legali, li jsiru dikjarazzjoni ta' patenita' u dikjarazzjoni u ordnijiet ancillari dwar wild, li diga' ghandu missier f' ghajnejn il-ligi, il-konsegwenzi u effetti legali kollha li l-addozzjoni ggib maghha. Primarjament, id-disassoccjazzjoni naturali tal-wild mil-genituri naturali (kien min kien) u l-familja tieghu;
5. Illi galadarba l-minuri gie legalment adottat, id-drittijiet u obbligazzjonijiet tal-paternita' jispettaw biss lil-missier adottiv CCRu lil hadd aktar u ghaldaqstant, ma jibqa' l-ebda kwistjoniiet dwar il-paternita' tal-istess minuri jew kwistjonijiet ancillari ;

6. Ili minhabba l-istess adozzjoni ma ghad hemm ebda lok li jigi sindakat min seta kien il-missier naturali tal-istess minuri u kwindi l-attirici ma ghad fadlilhom ebda interess guridiku fil-prosegwiment tal-kawza odjerna;
7. Illi b' mod iktar generali minhabba l-istess adozzjoni jiddifetta l-interess guridiku tal-atturi ghal-finijiet tat-talbiet kollha taghhom;
8. Salv eccezzjonijiet ultejuri, inkluz in vista tal-verbal tat- 22 ta' Jannar, 2013.

Rat ukoll is-sentenza in parte moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata l-4 ta' Frar, 2014 fl-ismijiet LB et. Vs AMCR, li permezz taghha giet michuda t-talba attrici sabiex id-digriet ta' adozzjoni tal-24 ta' Awissu, 2012 jigi mhassar u revokat. [1]

Rat ukoll li giet awtorizzata l-legitimazzjoni tal-atti peress li l-attur LB miet fil-mori tal-kawza a favur martu MB.

**IKKUNSIDRAT:**

**FATTI**

1. L-attur jikkonferma li sar jaf minghand martu li l-konvenuta kienet qed tistenna tarbija minghand it-tifel.

   Ma setax jiftakar li dak iz-zmien jekk G u l-konvenuta kienux miggieldin. Jikkonferma li G ma kienx jaf mill-ewwel li kien ha jsir missier. Kien hemm zmien pero' jghid fejn kienu miggieldin.

[1] A fol. 355 tal-process.

Jichad li kien akkumpanja lill-konvenuta meta kellha xahrejn u nofs tqala l-isptar. Kien biss fid-19 ta' Lulju li kien mar l-isptar meta twieldet it-tarbija. It-tarbija kienet twieldet tlett gimghat wara li G ikkometta suwicidju.

Jichad li qatt ra atti ta' vjolenza fuq il-konvenuta. Jikkonferma li kienet martu li sabet lil G mghallaq fuq il-bejt.

Ighid li meta kien staqsa lill-konvenut x'kunjom se taghti lit-tarbija kienet qaltlu li G kien u jibqa' missieru, izda meta akkumpanjahom ir-Registru Pubbliku quddiemu kienu qalu lill-ufficjal sabiex fil-parti fejn kien hemm imnizzel « Father's name » qalulu li ghandha tithalla barra.

Illum ighid li l-konvenuta u l-familja taghha ma jaghmlu ebda kuntatt maghhom u missierha kien ghamilu premessa biex ma jikkuntatjax lill-konvenuta.

Rat ukoll ix-xhieda tal-attrici MB li kkorroborat dik tal-attur zewgha.

2. Meta l-konvenuta kienet f'relazzjoni ma' GB tghid li kellha suspetti li kellu relazzjoni ma' mara ohra u dan peress li kien iqatta' hafna hin ighid ghand l-isprajer gewwa Hal Farrug. Kien ihalliha ghand il-genituri tieghu. Hafna drabi kien imur filghaxijiet u fl-istess hin kienet tircievi telefonati anonimi fuqil-mobile fejn kienu jinstemghu hsejjes li jindikaw attivita' sesswali kif ukoll dahk.

Tghid li kienet tghaddilu hafna flus u kien ighidilha li ghandu bzonnhom ghall-karozza. Kienet anke xtratlu mobile u kien dejjem ihallih fuq *silent* u jahbih biex ma tarahx. Kienet saret taf ukoll li kien mar Ghawdex ma' certu RC.

Il-konvenuta tispjega ukoll li meta ghamlet zmien tghix mal-genituri taghha, omm G kienet iserrhilha mohha li ma kienx qed johrog, izda ohtu A kienet tghid il-kontra, li G kien qed johrog kuljum u kien ahjar jekk titilqu. Lanqas biss kien icemplilha sabiex jara kif inhi.

Isemmi incidenti meta kien aggressiv maghha u ta' dan kien hemm diversi xhieda. Semmiet ukoll incident fejn wara argument li kien hemm bejn M, l-gharus ta' oht G u G, il-konvenuta marret tifridhom u G taha daqqa ta' ponn f'zaqqha meta kienet tqila u rat id-demm. G ma kienx dak li hadha l-isptar ghax minflok mar ikla ma' shabu. Kien wara hafna tentattivi biex jaqbduh fuq il-mobile, li kien mar l-isptar. Meta t-tabib kien ikkonferma li t-tarbija kienet ghadha hajja, ma tantx kien jidher interessat u kienet konvinta li ma riedx it-tarbija.

L-attrici tikkonferma li din ma kinitx l-ewwel darba li kien taha daqqiet go zaqqha.

Kemm il-ginekolgu taghha Dr. Mark Sant, kif ukoll is-social workers ta' St. Luke's li kienu ssuggerew li kellhom jevitaw dawn il-problemi ghall-beneficcju tat-tarbija.

Tghid li G u l-familja tieghu kienu ffissati li t-tifel jitnizzel bil-kunjom « B» izda wara li twieled riedet iserrah rasha l-ewwel b'sahhet Ad.

Il-familja B ta' spiss kienet tiggieled u anke wara li welldet l-isptar, omm G kienet marret tghajjarha u missieru kien hedded habiba t'ommha, tant li l-psikjatra Dr. Etienne Muscat kien ordnalhom biex ma jersqux hdejha sabiex tistrieh.
Wara li sabu lil G mghallaq, mill-investigazzjoni tal-pulizija, sabu li kien hemm messagg suspettuz li kien jindika li kien qed jiffrekwenta persuna ohra. Wara l-mewt, omm G bdiet tibki u tghajjarha li t-tarbija li kienet ghadha ma twelditx kienet ser iggib sehta.

Tghid li ftit qabel ma miet kienet indunat li waqt li kien ikun rieqed kien jibda jitrieghed u jiccaqlaq b'mod u manjiera xejn normali. Meta kkonfrontatu kien qalilha li kien dahal f'basla u ma setax johrog minnha. Skond ommu dan kien tort ta' RC li kien jiffrekwenta u li ma riditx thallih bi kwiet.

Fl-24 ta' Gunju, 2007, l-istess gurnata li kkommetta suwicidju, G beda jakkuza lill-konvenuta li kellha relazzjoni ma' ragel iehor u kecciha u marret tghix ghand il-genituri taghha, izda dakinhar stess beda jtiha bil-ponn fuq saqajha u ommu waqfitu.

Kienet marret ma' missier G ghand il-psikologa Sister Mariella Agius biex juriha rispett u minhabba li kienet qed igorr it-tarbija ta' ibnu u ried li ggorr kunjomu.

Il-konvenuta tkompli tispjega li wara l-mewt ta' G, l-ex tieghu LP kienet organizzat il-funeral tieghu u RC kienet bdiet tiffrekwenta hafna lill-familja B.

Tkompli ssemmi li l-familja B kien gellidin u kienu jghattu l-aggressivita' ta' G.

Il-konvenuta tikkonferma li G, huwa l-missier bijologiku ta' Ad u dak iz-zmien li harget tqila ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohra. Madanakollu, illum il-konvenuta qed tinsisti li ma tridx li t-tifel AD jiehu l-kunjom Bo, peress li missieru qatt ma riedu u qatt ma kien hemm ghalih. Di piu' llum izzewwget u zewgha jirrispetta lil binha hafna u jittrattah daqs ibnu. It-tifel ukoll ghandu n-nanniet u anke genituri. U dan l-iktar minhabba li Ad ghandu problemi f'qalbu. Tichad li kienet hadet parir minghand psikologa wara li rebhet ir-ritrattazzjoni. Tghid li kienet minn dejjem tfittex dina l-ghajnuna peress li kienet ghaddiet minn trawma hi ukoll. Il-psikologa kienet kontra li t-tifel isir jaf l-verita' ghalissa peress li mhux fi stat ta' sahha tajba.

Ir-ragel tal-konvenuta ddedika l-hin kollu tieghu lit-tifel u anke ha l-leave biex jakkumpanjahom ghall-operazzjonijiet Londra, filwaqt li G qatt ma kien hemm ghaliha u ghal AD, lanqas waqt it-tqala u lanqas wara.

3. CCR huwa mizzewweg lill-konvenuta u jghid li AD qisu ibnu u isejjahlu papa' u ghandu relazzjoni tajba hafna mal-genituri tieghu. Ighid li huwa ukoll isiefer mieghu u mal-konvenuta ghall-interventi barra minn Malta.

Jistqarr li wara li kien akkumpanja lill-konvenuta l-Qorti minhabba dawn il-proceduri, kien beda jircievi telefonati anonimi kemm fuq il-mobile kif ukoll fuq it-telephone tad-dar.

Ikkonferma ukoll li l-konvenuta kienet iltaqghet ma' oht G,  A u din kienet bdiet tghajjat maghha f'nofs Baystreet. Il-konvenuta ma kinitx riedet taghmel rapport lill-pulizija.

Jishaq li llum huma familja maghqudin u jridu biss ighixu fil-paci.

4. NN hija gara tal-genituri tal-konvenuta u kkonfermat li kemm il-darba kienet tisma' glied bejn il-konvenuta u G u darba minnhom tant kien hemm glieda kbira li ma felhitx u bezghat li l-konvenuta ser tigi mwegga' u marret twaqqafhom.

5. YS, tghid li l-konvenuta kienet habiba sew ta' bintha MF. Tispjega li ma kellix esperjenza sabiha mal-familja B, ghaliex kienet iltaqghet mal-attur peress li bintha kienet qed tigi rrikoveratal-isptar u mar ghaliha u beda jigri warajha jghajjarha sabiex ma tersaqx lejn il-konvenuta u binha AD.

6. MF hija habiba tal-konvenuta u tghid li kienet iltaqghet maghha meta t-tnejn kienu jahdmu s-SISA supermarket. Il-konvenuta kienet titkellem maghha fuq il-problemi li kellha ma' G.

   Darba kienet insertata u nnutatilha tbengil ma' idejha u l-konvenuta kienet qaltilha li G kien kaxxkarha d-drive-in tal-genituri taghha. Kien hemm okkazzjoni ohra fejn kienet cemplitilha u G haseb li kien ragel u beda jghajjarha u sawwatha.

   Il-problemi aggravaw meta spiccat tqila. Kienet marret maghha ghall-ultra sound ghax G ma riedx imur u meta cemplitlu l-konvenuta m'ghamilx reazzjoni u qata' t-telefon.

   Minhabba diversi incidenti li bdew jigru, ix-xhud kienet issuggeritilha li tmur tiehu parir minghand avukat u kienet marret maghha. Meta saru jafu l-familja B kkonkludew li l-konvenuta riedet tbieghilha t-tarbija peress li kienu jafu li ma setghetx ikollha tfal, izda tichad dan kollu ghax il-konvenuta kellha kull intenzjoni li jkollha t-tarbija.

Kien hemm zmien ukoll meta l-konvenuta bdiet tissuspetta li G kellu wicc haddiehor u dan minhabba li kienet taf fic-cert li mar Ghawdex ma' certu RC u mal-habiba taghha MRP , li ppostjat fuq is-sit Hi5 dwar dan il-weekend. Kienet sahanistra rceviet ittra anonima f'dan is-sens u meta urietha lil G kien qataghha.

Ikkonfermat ukoll l-incident li sehh ma' oht G, A f'Baystreet.

Ix-xhud tkompli tikkonferma li l-konvenuta hija omm ezemplari u trabbi lil binha b'ghozza kbira.

4. JA, missier il-konvenuta jikkonferma li bintu kienet thobb lil G hafna, izda mhux dejjem kien jittrattaha tajjeb, peress li kien aggressiv u vjolenti maghha u l-genituri tieghu ma kienu jaghmlu xejn anke jekk kemm il-darba dan kien isehh taht is-saqaf taghhom.

Ighid li hu u martu kienu konxji tal-fatt li kien hemm il-glied bejn il-konvenuta u G u ma kienx minnu li huma kienu keccew lill-konvenuta, kif jallega l-attur, meta fil-fatt kienet tghix mal-familja B, G kien ikun barra hafna drabi filghaxijiet u missieru kien ighid li mar ghand il-mekkanik, izda meta kien imur lura d-dar kien ikun vjolenti mal-konvenuta u saret aghar meta kienet tqila.

Ikkonferma ukoll il-verzjoni tal-konvenuta, li G, hafna drabi kien ihalli l-mobile mitfi u ma kienx jirrispondiha. Kien anke jzomm il-mobile fuqu u ma jafdah imkien. Kien anke jahbi l-vettura tal-konvenuta li gieli kien juza.

Ikkorrobora l-allegazzjonijiet ta' swat li xehdet fuqhom il-konvenuta u dan kemm qabel u anke wara t-tqala. Anke kkorrobora l-verzjoni tal-konvenuta li G kien mar Ghawdex ma' certu RC u hafna drabi ma setghetx taqbdu.

Ikkonferma li wahda mill-girien taghhom kellha tintervjeni minhabba l-glied li kienet semghet bejn il-konvenuta u G.

Jispjega li gimgha qabel is-suwicidju, G spicca dahhal lill-konvenuta l-isptar peress li kien taha kedda kbira. Il-konvenuta tant kienet imbezza' li talbet lil ommha tibqa' maghha, izda peress li persuna wahda setghet toqghod, kellhom jitilqu.

Skond missier il-konvenuta, G minn dejjem kellu problemi psikologici u kemm il-darba kien ipprova jhajjru jsib l-ghajnuna. Kien jifhem hafna fl-okkult u kien anke jgemma' l-iskeletri. Kien iffissat ukoll fil-ouija board.

Minhabba li hu u martu bdew jaraw dina r-relazzjoni tmur ghall-aghar kuljum, kienu nsistew mal-konvenuta li ghandha twassal fit-tmiemha t-tqala, izda bl-ebda mod ma kellha tizzewweg lil G, li sa fl-ahhar iddecieda li jittermina hajtu qabel it-twelid tat-tarbija.

Jinnega li kien hemm xi arrangjament mal-ufficjali tar-Registru Pubbliku sabiex it-tifel jitnizzel bhala wild ta' "Father Unknown", izda dan kellu jsir minhabba li missieru miet qabel ma twieled.

Ighid li kienet l-konvenuta li hadet hsieb il-bzonnijiet u l-kura tal-minuri AD peress li kien twieled *blue baby* peress li G ma kellux interess lanqas fil-konvenuta u lanqas fit-tarbija.

Ighid ukoll li ma jistax ikun li G kien vicin hafna tal-attur, ghax semmai dan kien jiehu hsieb u jevita li jigri dan kollu. Anke G ma kienx juri interess fil-post li kien xtraw u li kien fuq konvenju. Illum il-familja B joqoghdu f'dan il-post.

Jispjega li kien qed jircievi theddid permezz ta' sms minghand l-attur u spiccaw li anke l-isptar kien ikun hemm is-security barra l-ward u l-attur u martu jinsistu mal-konvenuta sabiex tati lill-minuri l-kunjom B.

Illum ighid li l-konvenuta zzewwget u flimkien ma' zewgha C u l-minuri AD kienu sabu paci u bilanc, fejn anke l-minuri jsejjahlu papa' u ghalhekk dak biss kien jinteressah.

5. JOA , omm il-konvenuta tispjega li l-genituri ta' G kellhom genn sabiex izzewwguh mal-konvenuta. Ommu kienet anke haditha biex jibdew jaraw il-proprjetajiet. Bdiet thajjarha sabiex jixtru post vicin taghhom sabiex jekk ikollhom it-tfal tkun tista' tghinha.

Peress li l-konvenuta kienet torqod hafna ghand il-familja B, kemm il-darba kkomunikat ma' omm G sabiex ma tinkoraggix lill-konvenuta biex torqod hemm u biex ma tghidilix li cemplet u kienet ghamlet l-oppost biex donnu ggellidhom.

Anke meta kienu jiggieldu u l-konvenuta kienet tibqa' ghandhom, omm G kienet tibqa' ddejjaqha sakemm kienu jirrangaw.

Ikkonfermat ukoll li G kien persuna vjolenti u ssemmi diversi incidenti li sehhew bejniethom u kif il-genituri tieghu kienu konsapevoli u m'ghamlu xejn

biex iwaqqfuh. G kien lanqas juri interess fit-tarbija, anke meta spiccat l-isptar minhabba fih.

Ma kellux interess lanqas fil-post ghax kien imur missieru biex jara x-xogholijiet li kien qed jaghmel missier il-konvenuta. Kienu selfuhom il-flus sabiex ihallsu l-konvenju.

Malli G ikkommetta suwicidju, il-familja B ma riditx taf bil-konvenuta u beda hafna theddid u insulti lejn il-familja taghhom,

Tinnega li kien hemm xi forma ta' frodi sabiex il-kunjom tat-tifel ma jkunx B, izda kien sar kollox skond il-ligi. Jekk G ghazel li jaghmel suwicidju qabel ma twieled it-tifel u llum it-tifel ibati minn problemi ta' sahha dan kollu ikkrea problemi ghall-konvenuta.

6. Sister Mariella Agius kienet terapista tal-konvenuta. Kienet iltaqghet maghha meta kellha sittax-il sena, imbaghad kienet regghet ratha meta marret ma' G minhabba problemi li kien qed ikollhom fir-relazzjoni taghhom. Kienet indunat li kienu inkompatibbli u kienet qalet b'dan lill-konvenuta u ma reghhetx ratha sakemm regghet marret tkellimha peress li kienet inqabdet tqila u kienet inkwietata.

   Il-konvenuta kienet avzatha li G kien ikkommetta suwicidju u ghalhekk hasset li kellha tkun ta' sapport ghall-konvenuta u ghall-genituri ta' G peress li kienu ttrawmatizzati. Ikkonfermat li t-tarbija twieldet b'problemi u kellha bzonn hafna operazzjonijiet u ghalhekk kienet tiltaqa' mal-konvenuta xi kultant meta kellha xi problema.

Tghid li l-konvenuta kienet marret tkellimha minhabba l-inkwiet taghha li t-tarbija tigi assoggettata ghat-testijiet tad-DNA u kienet tal-parir li jekk isiru t-testijiet it-tarbija ser tkun trawma kbira ghaliha jekk it-tifel isir jaf x'gara minn missieru.

7. CC jispjega li l-minuri AD ghandu problemi f'qalbu u kull sena jew sentejn irid jigi operat. Kuljum irid jiehu l-aspirina u jridu jiccekkjawlu l-ossigenu fid-demm. It-tobba kollha kienu ssuggerewlu li jghix a *stress-free life.*

L-iskola huma avzati u jippruvaw jaghmlu hilithom sabiex jinvolvu lil AD biex jintegra ma' shabu. Jiehdu ukoll prekawzjonijiet sabiex ma jkunx hemm *bullying.*

Jispjega li t-tifel mdejjaq bid-diversi punti li ghandu minhabba l-interventi medici. Pero' t-tobba kienu nsistew maghhom li ghandhom jippreparaw lill-minuri qabel kull intervent sabiex ikun jaf x'ser isirlu.

Ighid li l-minuri ghandu karattru caring hafna u ghalhekk jinkwieta hafna. L-imhallef li kien ordna l-adozzjoni, spjegalhom li li meta jasal iz-zmien ghandhom ighidu lill-minuri li hu adottat. Sal-lum ighid li ma kinux qalulu. Din l-adozzjoni kienet saret mhux biex jitwaqqa t-test tad-DNA, izda ghall-gid tal-minuri.

Irrizulta ukoll li t-tifel ibati minn *multiple scoliosis* f'dahru u dan kompla jzid l-ansjeta' u spicca kellu jilbes il-braces ghal 23 siegha kuljum u spicca llimitat fl-attivitajiet fizici.

Meta sar jaf il-konvenuta, AD kellu tlett snin u kien diga' ghadda minn diversi operazzjonijiet. Illum huwa konsapevoli li meta jitilghu l-Inghilterra, jiltaqghu sabiex jigi operat.

Jaf li l-konvenuta kienet subit vjolenza domestika ghax hi kienet qaltlu u kienet tibza' tghid il-verita' u ma telqitux ghax kienet tibza ghax kienet mheddha,

Qed jopponu ghad-DNA tests peress li hadu parir minghand l-esperti u kollha kienu kontra ghall-ahjar tat-tifel peress li issa li qed jikber ser ikun kurjuz u jaghmel hafna domandi li jwasslu ghall-verita' li ma ridhux ikun jaf.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Qabel xejn, il-Qorti tirrimarka li din il-kawza twalet inutilment u damet pendent ghal zmien esagerat. Kawza ta' paternita' mghandhiex iddum kwazi erbatax-il sena, kienu x'kienu c-cirkostanzi, li f'dan il-kaz kienu aktar tragici milli sfortunati. Fit-tieni lok, il-Qorti tissimpatizza mal-familja attrici, peress illi l-ewwel gie nieqes GB , il-missier naturali tal-wild in kwistjoni, imbaghad gie nieqes ukoll l-attur, missier G, in-nannu pattern tal-minuri. Madankollu, il-Qorti trid tara li ssir gustizzja mal-partijiet kollha, l-aktar wiehed fosthom l-istess minuri.

M'hemmx kontestazzjoni li l-minuri AD huwa wild id-decujus G, li miet prattikament tlett gimghat qabel ma' twieled il-minuri u fuq konferma tal-konvenuta, li ma kellhiex ebda relazzjonijiet ma' rgiel ohra fil-perjodu li harget tqila, dina l-Qorti hasset li ma kienx iktar necessarju li jsiru t-testijiet tad-DNA.

L-attur LB sahaq li kien ghamel il-premessa li meta l-konvenuta tkun ser tirregistra lit-tarbija kellha taghtih il-kunjom « B, » izda meta akkumpanja lill-

konvenuta, flimkien mal-genituri taghha r-Registru Pubbliku kien konvint li kien sar xi ftehim mal-ufficjali hemmhekk, wara li l-konvenuta u l-familjari taghha minflok irregistraw lit-tifel AD bhala wild ta' « missier mhux maghruf. »

Il-konvenuta tiggustifika dina l-azzjoni stante li G, il-missier naturali u bijologiku tal-minuri AD qatt ma kien jinteressa ruhu fit-tqala u irrespettivament mill-fatt li kienet tqila kien jerfa idejh fuqha. Kien johrog u jhalliha wahedha u kien anke jiffrekwenta nisa ohra li maghhom x'aktarx li kellu relazzjoni.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti tqis li t-tifel AD twieled illegittimu u huwa superfluwu jekk kienx missier tajjeb jew le u anke fin-nuqqas tieghu kien ikun hemm lok sabiex dina t-tarbija tinghata identita', fis-sens li jigi maghruf bhala bin GB u jgorr kunjomu. Madanakollu, ic-cirkostanzi ma evolvewx b'mod daqshekk facli.

Fil-mori tal-kawza, il-konvenuta ltaqghet ma' CCR u bdiet relazzjoni mieghu sakemm waslu li jizzewwgu.

Sfortunatament, it-tifel AD twieled bi problemi f'qalbu li jirrikjedu interventi kirurgici frekwenti u l-konvenuta ressqet provi sabiex tipprova li zewgha CCR minn dejjem kien hemm ghal binha. Kien jiehu l-leave biex jitla' maghha ghall-operazzjonijiet u bena relazzjoni soda mal-istess minuri u llum igharraf lilu biss bhala missieru, tant li jsejjahlu « Pa. »

Ghandu jigi rilevat ukoll li b'digriet tal-24 ta' Awissu, 2012, CCR adotta lill-minuri AD u b'hekk illum il-minuri huwa legalment bin il-konvenuta u zewgha CCR u l-isem u l-kunjom tal-minuri llum huwa « ACR »

Legalment ghalhekk l-istat tal-minuri AD tbiddel minn wiehed ta' wild illegittimu ghall-wild legitimat permezz tal-adozzjoni. Dan ifisser li llum it-tifel AD ghandu omm u anke missier u anke familja, peress li ghandu hutu. Fil-fatt, CCR gie kjamat fil-kawza bhala konsegwenza.

Il-konvenuta u l-kjamat fil-kawza CCR taw spjegazzjoni detaljata tal-problemi ta' sahha li qed jiffaccja l-minuri u resqu lill-psikologa Sr. Mariella Agius biex tikkorrobora l-verzjoni taghhom, li jekk kemm il-darba l-minuri jsir jaf li huwa adottat u li huwa wild ta' ragel iehor, dan kollu kien ser ihalli lill-minuri trawmatizzat. Ghandu jigi pprecizat minn dina l-Qorti li l-minuri ghadu sallum ma jafx li huwa adottat. Din kienet ghazla li saret mill-konvenuti fl-ahjar interessi tieghu peress li sahhtu ma tippermettilux dan it-tibdil f'hajtu. Inoltre ibati ukoll bi scoliosis u ghalhekk ghaddej minn hafna problemi, fejn l-operazzjonijiet se jiqbghu parti minn hajtu.

Dina l-Qorti tapprezza li considerando l-eta' ta' AD diga' ghadda minn hafna u theggeg lil kull parti tissalvagwardja l-interessi tal-istess minuri li ghandu bzonn hafna stabbilita' u *support* f'hajtu, pero' ciononostante, il-pern tal-kaz ma jirrivolvix fuq sahhet it-tifel, delikata kemm hi delikata l-kwistjoni.

Dina l-kawza tirrigwarda dikjarazzjoni ta' paternita' u legalment wild jista' jkollu missier wiehed biss. Gialadarba hemm l-adozzjoni, AD diga' f'ghajnejn il-ligi ghandu missier.

Wiehed jifhem li l-atturi ghaddew minn hafna u l-gharfien tal-minuri bhala wild binhom G, jista' jwassal ghall-*closure*, izda madankollu, dina l-Qorti taqbel li l-ligi tqis lill-minuri bhala l-wild tal-genituri adottivi tieghu u

ghalhekk kwalsiasi kwistjoni dwar il-paternita’ tal-istess hija assolutament *fuori luogo.*

Il-missier adottiv huwa issa missier il-minuri ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u kwindi tkun qed issir kontradizzjoni legali jekk issir dikjarazzjoni ta’ paternita’ ta’ wild li diga’ ghandu missier f’ghajnejn il-ligi, bil-konsegwenzi u effetti legali kollha li l-adozzjoni ggib maghha, primarjament id-distakk totali tal-wild mill-genitur naturali u l-familja tieghu.

Oltre minn hekk, jekk dina l-Qorti takkolja t-talbiet tal-atturi, tkun qed tizvesti lill-minuri minn stat ta’ wild legittimu biex tpoggih f’stat ta’ wild illegittimu u dan imur kontra d-dritt naturali tal-wild, id-dritt li jkollu familja u f’dan il-kaz missier.

Kif ben accennaw il-konvenuta u l-kjamat fil-kawza, l-Artikolu 121(b) tal-Kodici Civili, jizvesta lill-qraba naturali tal-minuri minn kwalsiasi legam u dritt versu l-minuri u per konsegwenza, anke jekk l-atturi kienu tassew il-genituri tal-missier naturali, dawn wara l-adozzjoni tilfu kull legam mal-minuri u kwalsiasi dritt li qatt seta’ kellhom.

Fl-ahharnett, dina l-Qorti ma tistax taghmel dikjarazzjonijiet fejn teskludi ghal kollox l-adozzjoni, li effettivament diga’ giet awtorizzata minn dina l-Qorti kif diversament preseduta u minflok tiddikjarah wild ta’ missier iehor, li sfortunatament f’dan il-kaz huwa mejjet. Legalment dan il-kwadru ma jreggix.

Illi ghalhekk, dikjarazzjoni ta’ paternita’ hija wahda purament akkademika f’dan il-kaz, u ma tista’ taghmel ebda gid ghall-minuri, anzi taf taghmillu hsara. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda fl-intier taghha.

**DECIDE**

Ghal dawn l-motivi, il-Qorti;

Taqta' u tiddeciedi billi tirrespingi t-talbiet attrici.

Tenut kont tan-natura tal-kaz, ghandha tibqa' bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**